MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 232/2010

**Anthony Muscat**

**Vs**

**Mario Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hamest elef mitejn u tmienja w ghoxrin Ewro w sitta w hamsin centezmu (€5228.56) in kwantu ghal tlett elef hames mija w sittin Ewro (€3560) kera ta' hanut "Good Choice Shop", Triq il-Granmastri, M'Scala ghall-perijodu 12 ta' Frar 2009 sal-31 ta' Jannar 2010, kwantu ghal sitt mija w tnejn u sebghin Ewro u hames centezmi (€672.05) valur ta' l-istock mibjugh lill-konvenut, u kwantu ghal disgha mija w sitta w disghin Ewro w wiehed u hamsin centezmu

(€996.51) ta’ konsum ta’ dawl u ilma relattiv ghall-hanut ghall-perijodu li l-konvenut kien fil-pussess tal-hanut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali (Art 166A) tad-9 ta’ April 2010 u tal-Mandat ta’ Sekwestru ta’ llum u bl-imghax legali mid-9 ta’ April 2010 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa s-segwenti:-

*“l. Illi preliminarjament huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur ta’ l-azzjoni u t-talbiet tar-rikorrent , in kwantu huwa ma kellu u lanqas ghandu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u in pessima ipotesi t-talbiet tar-rikorrent kellhom isiru fil-konfront ta’ Ritan Grima ta’ Bixkillina, Triq Nardu Sacco, z-Zurrieq li taghha l-esponenti qieghed jitlob il-kjamat in kawza.*

*2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-Qorti ma hijiex komptenti sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti in kwantu t-tribunal kompetenti huwa l-Bord li Jirregola l-kera.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet tar-rikorrenti ghandhon jigi michuda inkwantu huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat Mario Farrugia ma ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-procedura kif ukoll dawk relatati mal-ittra ufficcjali prezentata mir-rikorrent nhar id-9 ta’ April 2010 in kwantu din l-ittra hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ngunt in subizzjoni”.*

Rat il-verbal tal-Qorti tad-19 ta’ Ottubru 2010 fejn Dr. Franco Galea ghall-konvenut indika l-Artikolu 1525(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, bhala l-artikolu li fuqu

bbaza t-tieni eccezzjoni tieghu dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti.

Semghet il-partijiet jittrattaw din it-tieni eccezzjoni fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2010, stante li din tittratta dwar l-allegata nkompetenza ta' din il-Qorti, w ghalhekk din il-Qorti ghandha l-ewwel tikkunsidra din l-eccezzjoni qabel ma tiddeciedi fuq l-eccezzjonijiet l-ohra.

Rat illi l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza preliminari fuq din l-eccezzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-avukat tal-konvenut qed isostni li stante li din il-kawza tittratta s-suggett ta' kirja kummercjali, ghandu jkun il-Bord li Jirregola l-Kera li jisma' din il-kawza u mhux din il-Qorti tal-Magistrati. Min-naha l-ohra Dr. Zammit Maempel ghall-attur sostna li din mhix kawza fuq kwistjoni o meno ta' kera, izda dwar debitu dovut mill-konvenut u in konnessjoni ma' kera, valur ta' *stock* u konsum ta' dawl u ilma relattiv ghall-hanut li l-konvenut kellu fil-pussess tieghu.

Il-Qorti rat li f'din il-kawza l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-debitu tieghu *sic et simplicite,* mhix qed tigi mitluba sentenza dwar l-esistenza o meno dwar il-kirja tal-fond. In fatti jghid li huwa qieghed jitlob li l-konvenut jigi mitlub ihallas is-somma ta' hamest elef mitejn u tmienja w ghoxrin Ewro u sitta w hamsin centezmu (€5228.56). Il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu ma jichadx li effettivament kien hemm kirja, w ghalhekk zgur li l-linja difensjonali tieghu mhix ser tkun fuq dan l-aspett.

Ikkunsidrat ulterjorment:

L-**Artikolu 47 (1) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

*"Il-Qorti Civili tal-Magistrati bhala Qorti tal-ewwel grad tisma' w tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sal-ammont*

*ta' hdax-il elf sitt mija w sitta w erbghin Ewro u sebgha w tmenin centezmu (€ 11,646.87)"*

Illi dwar id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, s-sentenza **"<u>Frankie Refalo vs Jason Azzopardi et</u>"** (A.C. 7 ta' Ottubru 1997) sostniet li bhala regola *"il-kompetenza tal-Qorti hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u il-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha".*

Illi ma' dan pero' jrid jigi kkunsidrat fl-ambitu **tal-Artikolu 753 (2)** tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta li jiddisponi li "*meta it-talba hija maghmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jigi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni*".

Illi hekk fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Anthony Zammit vs Joseph Ellul nomine</u>**" (A.I. (J.S.P) 31 ta' Lulju 1996) gie deciz illi:-

*"Il-kompetenza ma tiddependix bil-fors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi ukoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut (Vol. XXXVII.II.454). Jista' jigri infatti illi ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri (billi it-talba hija ghall-hlas*
*ta' somma determinata entro il-kompetenza taghha) din tigi ezawtorata "ope exceptionis" bl-impunjazzjoni ta' l-obbligazzjoni principali (Vol. XXXVII C.I.512). Dan jista' jigri billi il-Qorti tigi necessarjament moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika it-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjoni bejn il-kontendenti li teccedi il-komptenza taghha. Dan ifisser illi f'kazijiet simili il-komptenza tal-Qorti hija finalment determinata mill-indoli tal-obbligazzjoni in relazzjoni mal-obbligat".* (vide ukoll **<u>Middle Sea Insurance Plc Vs The Cargo Handling Company Ltd et</u>** deciza mil-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar il-15 ta' Settembru 2003 )

M’hemmx dubbju li l-indoli tal-obbligazzjoni hija l-kreditu li l-attur ghandu fil-konfront tal-konvenut u dan f’ammont li jaqa’ proprju taht il-kompetenza ta’ din l-istess Qorti.

**Illi ghalhekk a bazi ta’ dan l-Artikolu, w cioe’ li l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas debitu fl-ammont li huwa inqas minn hdax-il elf sitt mija w sitta w erbghin Ewro u sebgha w tmenin centezmu (€11,646.87), li jaqa’ fil-kompetenza ta’ din il-Qorti kif kostruwita, w ghalhekk tiddikjara li hija ghandha kompetenza w konsegwentement din <u>it-tieni eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda</u>.**

**L-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------